

Brussell, 23 ta' Awwissu 2024
(OR. en)

12344/24
PV CONS 42
SOC 581
EMPL 379
SAN 456
CONSOM 253

ABBOZZ TA' MINUTI
KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA
(Impjiegi, Politika Soċjali, Saħħa u Affarijiet tal-Konsumatur)¹
16 ta' Lulju 2024

¹ Attendew il-presidenti rispettivi tal-Kumitat tal-Impjiegi (EMCO) u l-Kumitat tal-Protezzjoni Soċjali (KPS) fir-rigward tal-punti taħt "attivitajiet mhux leġislattivi" u "affarijiet oħra".

1. Adozzjoni tal-aġenda

Il-Kunsill adotta l-aġenda kif tinsab fid-dokument 11975/24 + **COR 1** (es, fi, hr, lt, pt, ro, sk).

Attivitajiet mhux leġiżlattivi

2. Semestru Ewropew 2024: Nuqqas ta' ħaddiema u ħiliet fl-UE [2] 11630/24 + COR 1

Dibattitu ta' orjentazzjoni

Il-Kunsill kellu dibattitu ta' orjentazzjoni dwar in-nuqqas ta' ħaddiema u ħiliet fl-UE, abbażi ta' nota ta' gwida mill-Presidenza kif tinsab fid-dokument imsemmi hawn fuq.

- a) **Kontribut għall-aspetti relatati mal-impjiegi u l-politika soċjali tar-rakkomandazzjonijiet speċifiċi għall-pajjiżi: Rakkomandazzjonijiet dwar il-politiki ekonomiċi, soċjali, tal-impjiegi, strutturali u baġitarji ta' kull Stat Membru** [2] 11632/1/24 REV 1
11095/24
11720/24
Approvazzjoni

Il-Kunsill approva l-kontribut għall-aspetti relatati mal-impjiegi u l-politika soċjali tar-rakkomandazzjonijiet speċifiċi għall-pajjiżi dwar il-politiki ekonomiċi, soċjali, tal-impjiegi, strutturali u baġitarji ta' kull Stat Membru, kif jinsab fid-dokumenti tal-pajjiżi elenkati fid-dokument 11720/24.

- b) **Valutazzjoni tar-rakkomandazzjonijiet speċifiċi għall-pajjiżi għall-2024 u tal-implimentazzjoni tar-rakkomandazzjonijiet speċifiċi għall-pajjiżi għall-2023: Opinjoni tal-Kumitat tal-Impjiegi u l-Kumitat tal-Protezzjoni Soċjali** [2] 11633/24
+ ADD 1-3
Approvazzjoni

Il-Kunsill approva l-Opinjoni tal-Kumitat tal-Impjiegi u l-Kumitat tal-Protezzjoni Soċjali dwar il-valutazzjoni tar-rakkomandazzjonijiet speċifiċi għall-pajjiżi għall-2024 u tal-implimentazzjoni tar-rakkomandazzjonijiet speċifiċi għall-pajjiżi għall-2023 kif tinsab fid-dokument imsemmi hawn fuq.

3. **L-inklużjoni soċjali tal-persuni b'diżabilità fil-livell tal-UE u dak nazzjonali: appoġġ għall-integrazzjoni (mill-ġdid) fis-suq tax-xogħol**  11572/24
Dibattitu ta' orjentazzjoni

Il-Kunsill kellu dibattitu ta' orjentazzjoni dwar L-inklużjoni soċjali tal-persuni b'diżabilità fil-livell tal-UE u dak nazzjonali: appoġġ għall-integrazzjoni (mill-ġdid) fis-suq tax-xogħol, abbażi ta' nota ta' gwida mill-Presidenza kif tinsab fid-dokument imsemmi hawn fuq.

Affarijiet oħra

4. **L-iżgurar ta' protezzjoni rapida tal-pensjoni għal persuni li eżerċitaw il-libertà ta' moviment tagħhom fl-UE**  11952/24
Informazzjoni miċ-Ċekja, appoġġata mill-Belġju, il-Bulgarija, l-Estonja, il-Finlandja, Franza, il-Ġermanja, il-Latvja, il-Polonja, ir-Rumanija u s-Slovakkja

Il-Kunsill ħa nota tal-informazzjoni pprovduta miċ-Ċekja, appoġġata mill-Belġju, il-Bulgarija, l-Estonja, il-Finlandja, Franza, il-Ġermanja, il-Latvja, il-Polonja, ir-Rumanija u s-Slovakkja dwar L-iżgurar ta' protezzjoni rapida tal-pensjoni għal persuni li eżerċitaw il-libertà ta' moviment tagħhom fl-UE. Il-Kroazja, il-Lussemburgu u l-Portugall esprimew bil-fomm l-appoġġ tagħhom għal din l-inizjattiva.

-  Dibattitu pubbliku propost mill-Presidenza (Artikolu 8(2) tar-Regoli ta' Proċedura tal-Kunsill)